MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 155/2014

Il-Pulizija

vs

**Joseph Caruana**

iben Carmel, imwieled Gzira, fis-6 ta’ April, 1962, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 260462(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Caruana quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin mill-esponent, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzjoni wahda, bejn ix-xhur ta' Jannar, 2013 sa Gunju, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Maria Rita Calleja u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil- kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta’ April, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338 (z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat Joseph Caruana

hati skont l-akkuza dettota kontra tieghu u ghaldaqstant ikkundannatu piena ta' tlett xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Caruana minnu pprezentat fil-11 ta' April, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza precitata mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D. fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-7 ta' April 2014 u minflok tipprovdi billi ma ssibx lill-esponent mhux hati tal-akkuza hekk kif migjuba kontrih u ghalhekk tilliberah minnha.

Bl-ispejjez u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-appelant, kompriz dawk ghar-rimedju effettiv dwar l-ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali tal-esponent li sehh bis-sentenza appellata.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma tikkonformax mal-principji tal-gustizzja naturali, senjatament peress illi hija nieqsa mill-grad ta' kjarezza u motivazzjoni rikjesta mill-ligi u anke peress illi ma nghata l-ebda raguni valida li a bazi taghha l-appellant kellu jigi kkundannat ghal tlett (3) xhur prigunerija u anke ghalhekk biss dik is-sentenza kissret id-drittijiet fundamentali tal-appellant ghal smiegh xieraq hekk kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li tiggarantixxi smiegh xieraq lil kull persuna hawn Malta. Daqstant iehor dik is-sentenza kissret id-drittijiet fundamentali tal-appellant protetti mil-artikoli 6 u 7 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li wkoll jiggarantixxi smiegh xieraq lil kull persuna hawn Malta u li piena ma tkunx aktar harxa minn dik stabbilita fil-ligi.

Illi l-prosekuzzjoni naqset ghal kollox milli tipprova li l-allegati nuqqas tas-somministrazzjoni tal-manteniment mensili bejn ix-xhur ta' Jannar, 2013 sa Gunju, 2013 sehh b'risoluzzjoni wahda u b'hekk, l-Ewwel Qorti zbaljat talli sabet lill-appellant hati taht l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi oltre l-premess, il-prosekuzzjoni kienet fid-dover li tindika l-provvedimenti precizi tal-ligi li a bazi taghhom kienet ser tigi nflitta piena f'kaz ta' htija da parti tal-appellant, u daqstant

iehor kienet fid-dover li taghmel l-istess l-Ewwel Qorti meta ghaddiet biex timponi tlett (3) xhur prigunerija fuq l-appellant.

Illi dwar l-apprezzament tal-fatti l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet, bir-rispett kollu, ukoll zbaljata totalment u anke applikat il-provvedimenti u uzanzi legali applikabbli ghall-process kriminali b'mod zbaljat.

Illi kif inghad aktar 'il fuq l-oneru tal-prova rikjest fil-kamp penali huwa mixhut fuq il-prosekuzzjoni u l-Qorti ghandha l-obbligu li ssib lill-imputat hati biss jekk il-provi tal-prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u ma jhallu ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubju kkawzat f'dawn il-provi jew bil-provi prodotti mid-Difiza ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat – *in dubbio pro reo*. Din hija l-prassi legali ben stabbilita f'dan il-pajjiz [vide '**il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi misjub hati, l-akkuza dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni [vide **il-Pulizija vs Joseph Cini** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-tnax (12) ta' Gunju, 2012]. Huwa veru mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi liberat, izda l-fatt jibqa' li dak li malli jkun dubbju dettat mir-raguni f'mohh il-gudikant, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni ma giex hekk pruvat allura l-gudikant ghandu jillibera l-imputat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi oltre dan hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u dan dejjem sal-grad ta' konvinciment morali tal-gudikant [vide **Il-Pulizija v Paul Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta (3) ta' Marzu 2000]. Dan m'hu xejn hlief l-applikazzjoni tal-principju fondamentali fis-sistema legali taghna, li min qed jallega fatt irid jippruvah.

Mill-banda l-ohra, l-imputat, prezunt innocenti, m'ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista jaghmlu anke jekk jasal sal-grad ta' probabbli [vide **Il-**

**<u>Pulizija v Joseph Ciscaldi</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju 1998].

Illi b'zieda ma dak li gja nghad, u senjatament ghal dak li ghandu x'jaqsam dwar il-piena nflitta jirrizulta lampanti li l-Ewwel Qorti zbaljat meta nfliggiet piena ta' tlett (3) xhur prigunerija fuq l-appellant, wara kollox anke f'kaz ta' meta persuna tinsab li tkun recidiva tal-kontravenzjoni taht l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din ma tistax tehel l-istess gravita' ta' piena li giet inflitta fuq l-appellant ghaliex skond l-istess artikolu 338(z) il-hati jehel piena ta' "detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn".

Illi ghalhekk, u minghajr pregudizzju ghal dak precitat, jirrizulta lampanti li l-appellant gie manifestement aggravat bil-pieni li l-Ewwel Qorti nfliggiet fuqu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru, 2014 jirrizulta li l-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Illi l-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-meritu kif ukoll il-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija din il-Qorti mhix qed tilqa l-aggravju fuq il-meritu.

Illi dwar l-aggravju ta' l-erogazzjoni tal-piena din il-Qorti ser tilqa' l-appell.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-htija tal-appellant. Dwar l-erogazzjoni tal-piena mill-ewwel Qorti, din il-Qorti qed thassar u tirrevoka l-piena nflitta mill-ewwel Qorti u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-

artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------